MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru. 905/2012

Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)

Vs

Joseph Bajada ta’ 58 -il sena, iben Emanuel u Carmela nee’ Mifsud, imwieled Xaghra Ghawdex, nhar it-2 ta’ Mejju 1954, residenti fil-fond Nru. 30B, Triq San Guzepp, Xaghra Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-Identita bin-numru 31854(G).

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar is-16 ta’ Dicembru 2012, ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar (16.00hrs) gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug Ghawdex u fil-granet ta’ qabel gewwa diversi postijiet f’dawn il-Gzejjer, f’hinjiet differenti:

**1.** Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Concetta Borg (ID No. 25464G) hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Joseph Rapa tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

**2.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Maria Concetta Borg (ID No. 25464G).

**3.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil persuna ta' Maria Concetta Borg (ID No. 25464G).

**4.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ksirt il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

**5.** U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar id-29 ta' Settembru 2011 mil-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D.

**6.** U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u dan skond l-artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita bil-ligi gentilment qeghdha ukoll tigi mitluba sabiex tapplika l-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprotegi lil vittma.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum fejn l-imputat obbliga ruhu li ma jkellimx u ma jdejjaqx lill-kwerelanta.

Semghet it-trattazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti;

Filwaqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel erba' akkuzi stante procediment ezawrit;

Illi rigward il-hames imputazzjoni jirrizulta li wahda mill-kundizzjonijiet imposti ghal-helsien mill-arrest fid-digriet tad-29 ta' Settembru 2011 kien hemm li Joseph Bajada ma kellux javvicina x-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Maria Concetta Borg kienet tressqet bhala xhud fil-proceduri kontra l-istess Joseph Bajada u kienet ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminax ruhha. Mix-xhieda mismugha llum irrizulta li Joseph Bajada mhux biss avvicina lil Maria Concetta Borg izda mar oltre' minn hekk. Dan l-akkadut sehh mhux b'relazzjoni mal-kaz pendenti fis-sens li Bajada ma kellimx lil Maria Concetta Borg dwar il-kaz izda dan xorta wahda ma jezonerahx. Huwa kiser il-kundizzjoni mposta ghax din ghandha tigi nterpretata li Bajada m'ghandu ghall- ebda raguni javvicina lil xhud. Madankollu tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tenut ukoll li l-istess Joseph Bajada obbliga ruhu skont il-verbal tallum stess il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tirrevoka l-helsien mill-arrest.

Illi s-sitt imputazzjoni wkoll tirrizulta ppruvata mid-dokumenti ezebiti.

Illi tenut kont ta' dan kollu il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel erba' akkuzi stante procediment ezawrit; wara li rat l-artikolu 579 tal-Kap 9, l-art. 49 u 50 tal-Kap 9 u l-art. 383 u 412C tal-Kap 9 issib lill-imputat hati tal-hames u sitt imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-art 7 tal-Kap 446

tpoggih taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ tliet snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Inoltre l-Qorti qeghdha wkoll timponi protection order taht l-art. 412C tal-Kap 9 li qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza sabiex tifforma parti ntegrali minnha.

Spejgat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet.

Tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------